50/0260/17

**Mozzjoni Speċali numru:** 0006/2017

**Preżentata: 13 ta' Marzu 2017**

**Mozzjoni biex tinbidel id-deċizjoni meħuda waqt il-laqgħa tal-Kunsill 62.**

---

**Għanijiet:**

Biex flimkien mat-toroq imsemmija fil-mozzjoni ppreżentata fit-13 ta' Jannar 2017 u approvata unanimamnet mill-Kunsill, tiġi nkluża t-triq Ta' Koronja.

**Billi:**

Flimkien mat-toroq mhux urbani l-Imtaħleb, Wied Rini u l-Landrijiet, issir it-triq Ta' Koronja.

**Il-Kunsill Jaqbel li:**

Japplika taħt il-Miżura 4.3 għall-fondi Ewropej, b'dawn it-toroq imsemmija hawn fuq.

B'hekk isir xogħol infrastrutturali fi Triq l-Imtaħleb, Wied Rini, Landrijiet u ta' Koronja.

| | | |
|---|---|---|
| Proponent<br>Charles Azzopardi<br>Sindku | Sekondant<br>Peter Paul Azzopardi<br>Kunsillier | Sekondant<br>Andrew Mallia<br>Kunsillier |

KUNSILL LOKALI IR-RABAT - Malta

Preżentata illum it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017

50/0261/17

**Mozzjoni numru:** 0007/2017

**Preżentata: 13 ta' Marzu 2017**

**Mozzjoni biex isir xogħol ta' konkos.**

---

**Għanijiet:**

Biex isir xogħol ta' konkos biex titranġa t-triq faċċata tal-iskola l-ġdida fit-triq li tieħdok lejn Ħad-Dingli.

**Billi:**

Il-parti li tagħmel mal-konfini ta' Ħad-Dingli, sejra ssir mill-Kunsill Lokali Dingli, waqt li l-parti li tgħamel magħna ssir mill-kunsill tar-Rabat.

**Il-Kunsill jaqbel li:**

Jsir dan ix-xogħol ta' konkos.

B'hekk it-triq li tinsab fi stat ħażin, tkun kompluta kollha u tkun waħda xierqa.

Proponent
Charles Azzopardi
Sindku

Sekondant
Peter Paul Azzopardi
Kunsillier

KUNSILL LOKALI IR-RABAT - Malta

Prezentata illum it-Tnejn
13 ta' Marzu 2017

50/0288/17

**Mozzjoni numru:** 0008/2017

**Preżentata: 16 ta' Marzu 2017**

**Mozzjoni biex isiru *pelican lights* minflok *zebra crossing* fi Triq Gorg Borg Olivier, Triq Ħal-Tartarni, Vjal il-Ħaddiem, Triq Tabja**

---

**Għanijiet:**

Sabiex isiru *pelican lights* minflok iż-*zebra crossings* bħal ma huma preżentament.

**Billi:**

- Diġa saru diskussjonijiet ma Transport Malta sabiex dawn jinbidlu.
- Qed ikunu ta' periklu minħabba li qegħdin f'toroq prinċipali u jintużaw frekwentament.
- Qed ikun hemm sewwieqa li ma jinduawx bil-pubbliku li jkun qed jaqsam u għalhekk inżidu s-sigurta.
- Nżidu s-sigurta għal Pubbliku.

**Il-Kunsill jaqbel li:**

- Issir talba mill-ġdid sabiex iz-*zebra crossings* fit-toroq imsemmija jinbidlu f'*pelican lights.*

Proponent
Ian Mario Vassallo
Kunsillier

Sekondant
Charles Azzopardi
Sindku

KUNSILL LOKALI IR-RABAT - Malta

Prezentata illum il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017

50/0287/17

**Mozzjoni numru:** 0009/2017

**Preżentata: 16 ta' Marzu 2017**

**Mozzjoni biex jitwaħħlu l-ħames (5) bozzoz li jmis fuq ir-registru ta' bozzoz approvati.**

---

**Għanijiet:**

Li jitwaħħlu 5 bozzoz milli jmiss fuq il-*waiting list* ta' bozzoz approvati.

**Billi:**

- Dawn ġew approvati u qed jistennew fuq *waiting list.*
- Huma ta' bżonn li jsiru minħabba nuqqas ta' dawl.
- Fejn hemm bżonn li jitwaħħlu dawn il-bozzoz hemm id-dlam.

**Il-Kunsill jaqbel li:**

- Jitwaħħlu l-5 bozzoz li jmiss fuq il-*waiting list* ta' bozzoz approvati u b'hekk niffaċilitaw il-ħajja ta' dawn ir-residenti billi jkun hemm dawl fejn ma hemm'x preżentament.

Proponent
Ian Mario Vassallo
Kunsillier

Sekondant
Charles Azzopardi
Sindku

KUNSILL LOKALI IR-RABAT - Malta

Preżentata illum il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017